# Minn Fomm l-Anzjani



# Ir-Randan Dari

**RITA XERRI** *(anzjana mill-Qala)*
tirrakkonta f'Intervista ma' ***Josephine Cefai***





*Fir-Randan, fl-Erbgħat konna mmorru Ta' Pinu għal xi l-4.00 a.m. fil-Paternoster. Ix-xarabank kienet tkun mimlija u anke kien hemm min kien imur bil-mixi. Konna mmorru l-knisja kull fil-għaxija u ninvistaw il-Via Sagra u l-Ħamis kien ikun hemm siegħa espost u darba f'xahar il-Ħamis kienu jgħidu llum siegħa solenni u kien joħroġ il-qassis fuq il-ġinokjatur fuq l-artal jaqra u kien iċenser l-artal xi tliet darbiet. Konna nsumu r-Randan kollu, min kien jiflaħ. Fil-11.00 a.m. kienet iddoqq il-qanpiena biex dak il-ħin tkun tista' tiekol. Ċertu nies kienu jiżnu l-ħobż, u l-ikla kienet kważi tkun sardin u żebbuġ mingħajr żejt biex ma tinkisirx is-sawma. Avolja ma jkollokx 21 sena, ma kinux iħalluk tiekol biċċa ħobż fit-triq. Fl-Erbgħa tat-Tniebri fil-għaxija, fil-Knisja kienu jagħmlu triangolu bix-xema' safra u kultant joħroġ qassis jew abbati jitfi waħda u kienu jħabbtu xi ħaġa qisha injam. F'Ħamis ix-Xirka jagħmlu prietka jtellgħu l-Ecce homo fejnu. Konna ngħidu llum jagħmlu l-preċett il-qassisin, kienu jqaddsu quddiesa waħda, u l-qassisin kienu johorgu l-ispellizza jitqarbnu, u aħna konna nibdlu l-bullettin minn aħmar jagħtihulna iswed.*

*Fil-Ġimgħa l-Kbira, ma kienx ikun hemm quddies. Il-qassis kien jagħmel qisha nofs il-quddiesa u jitqarben hu biss. Dawk il-ftit li ma kinux iridu jitilfu tqarbina kienu jmorru l-Katidral. Fil-għodu kmieni kienu jagħmlu kurċifiss mimdud fis-sagristija u konna nidħlu nagħtuh qima, ngħidu il-ħames pjagi, u flok il-glorja konna ngħidu "Nadurawk O Ġesù u nberkuk", għax Kristu jkun miet. F'nofs in-nhar konna mmorru għal prietka ta' tliet siegħat u fil-għaxija konna ngħidu "Ħalli mmorru noqogħdu ftit mad-Duluri". F'dawn il-ġranet, kienu jdoqqu ċ-ċuqlajta flok il-qniepen. Is-Sibt fil-għodu, fit-8.00 a.m. kienet iddoqq il-Glorja u min ikollu tfal żgħar kien jipprova jgħallimhom jimxu.*

*Kien ikollna l-qassatat tal-ġobon, u ma konniex nieklu minnhom qabel ma jgħaddi Sibt il-Għid biex ma nniġsux ir-Randan.*

